# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



għasfur ta' San Martin

Numru 83 L-14-il sena Novembru - Diċembru 2007



Victor Falzon

editorjal

## Ħej!

Darba, skoss snin ilu, jien kont membru fil-YOC. Din x'taħbat? Il-YOC kienet bħall-Klabb Ħuttaf, imma ta' l-Ingilterra. Kont dħalt magħhom mhux biex immur għall-ħarġiet, għax ħeqq l-Ingilterra ftit 'il bogħod hux! Kont dħalt biex nirċievi l-magażin tagħhom, li kien jismu BIRD LIFE.

Dak iż-żmien aħna ta' Klabb Ħuttaf ukoll konna noħorġu magażin, u kien jismu IL-KANĠU. Dan IL-KANĠU ma konniex nagħmluh l-istamperija bħalma nagħmlu IL-ĦUTTAFA llum, imma konna ndawruh aħna stess paġna paġna fil-kantina tal-BirdLife fuq magna jgħidulha Gestetner. Maaa, x'memorji tal-waħx!

Dil-magna ma tantx kienet tobdi u ħafna drabi kienet teħel u tgħaffeġ il-karti. U żgur li jeħlu l-karti f'dik l-umdità tal-kantina! U insomma sakemm terġa' tibda taħdem konna nispiċċaw wiċċna, idejna, il-ħwejjeġ, l-art u l-ħitan kollhom titjir tal-linka. Tistgħu timmaġinaw Il-KANĠU kif kien joħroġ... DIŻASTRU!

Kemm kont ngħir inħares lejn il-magażin sabiħ u kkulurit tal-YOC. Kemm kont nixxennaq li anke l-magażin tagħna jkun bħal dak: stampat pulit, bla tiċpis, kollu ritratti u kulur. Jien u l-Leaders l-oħrajn konna noqogħdu nqallbu fih u ngħidu: "Xi darba naslu, xi darba naslu!"



Victor Falzon

U kellna raġun, għax fl-aħħar wasalna! Insomma, nispera li togħġobkom Il-Ħuttafa bil-kulur. Il-Festi t-Tajba lilkom u lill-familja.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

### Dak x'hemm mal-faċċata?



L-**għasfur ta' San Martin** (common kingfisher *Alcedo atthis*) huwa għasfur tal-ġenn. Fid-daqs mhux kbir, imma jpatti bil-ħafna kuluri li għandu. Dak il-blu metalliku fuq dahru u fuq denbu ma temminx li hu possibli fuq annimal. Ħafna nies jaħsbu li l-għasfur ta' San Martin ma jersaqx lejn Malta, imma għandhom żball. Fejn hemm l-ambjent li jħobb, per eżempju għadajjar bil-ħut, u fejn ma jfixkluhx in-nies, l-għasfur ta' San Martin jista' jitfaċċa u jgħix xhur sħaħ kuntent. Hekk jagħmel fir-riservi tas-Simar u l-Għadira. Ritratt ta' Denis Cachia

In-narċis hija fjura tax-xitwa. Ħafna nies għandhom vizzju jaqtgħuha, u għalhekk illum in-narċis m'għadux komuni daqs kemm kien dari. Imma f'xi postijiet għadek issibu jikber f'irqajja' sbieħ, speċjalment f'Għawdex. Dar-ritratt meħud fil-Foresta 2000, ħdejn l-Għadira. Taqtgħux narċis mill-kampanja, ħbieb.

BirdLife
MALTA

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| attività | 6 |
| gallerija | 7 |
| ir-RAND | 7 |
| Falko | 8 |
| insetti | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Dinja Waħda | 11 |
| Armalhom bird table! | 11 |



**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona
Desirée Falzon • Sylvia Falzon
Victor Falzon • Kathleen Mamo



**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, kampijiet u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dan il-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa l-Klabb fih xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €6.99 (Lm3) fis-sena.


© Publikazzjoni BirdLife Malta, Diċembru 2007



Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop




# Farfett rari



Victor Falzon

Dal-ġmiel ta' farfett ngħidulu **Danaws** għax l-isem xjentifiku tiegħu huwa *Danaus chrysippus* (bl-Ingliż **plain tiger** jew **African monarch**). Id-danaws huwa l-ikbar farfett ta' Malta, imma huwa rari ħafna għalkemm jidher kważi kull sena. Dil-ħarifa però deher kemm-il darba u f'diversi postijiet, kultant anke tnejn jew tlieta f'daqqa. Dawn probabbli jkunu ġew minn pajjiżi oħrajn għax id-danaws ipassi bħall-għasafar. Xi drabi jbidu f'Malta wkoll.

Ritratt meħud l-Għadira f'Ottubru 2007.



F'dar-ritratt jidhru grupp offroaders qed jeqirdu Wied il-Ħanaq (Għawdex)

Ray Galea

## offroading

Problema li qed tikber f'Malta hija l-**offroading**. L-offroading huwa passatemp fejn imorru b'karozzi goffi (bħal Land Rover) f'postijiet bla toroq u mogħdijiet u joqogħdu jsuqu fihom. Iktar ma l-post ikun selvaġġ iktar ikun eċitanti għax b'hekk is-sewwieq juri kemm jaf isuq il-karozza tiegħu f'postijiet impossibli. L-offroaders spiss imorru fi gruppi ħalli jgħinu lil xulxin, jaqsmu l-avventura u jieħdu bażż ikbar.

Il-problema hi li fejn jgħaddu dawn il-karozzi kbar iħallu warajhom ħerba. Kemm jekk jgħaddu mix-xagħri, kemm jekk tkun steppa u kemm jekk mill-qiegħ tal-widien, dawn l-inġenji jgħaffġu, jqaċċtu, jqattgħu u jkissru kollox. Addijo l-orkidi, addijo ċ-ċfolloq, addijo ż-żrinġijiet!

Jgħidulek "Ħeqq kulħadd irid jiddeverti!" Imma din mhix skuża. Jekk għandek passatemp li jagħmel ħsara kbira lin-natura m'għandekx tippretendi li titħalla tmur fejn trid. L-ambjent naturali huwa l-ġid ta' kulħadd, u ħadd m'għandu dritt jeqirdu biex jitpaxxa ftit hu!



Dis-sena erġajna qed nagħmlu **Dinja Waħda** fl-iskejjel primarji. Jekk kollox imur sew, minn dis-sena Dinja Waħda se nibqgħu nagħmluha **kull sena** flok kull sentejn.

Mela jekk għadkom tattendu skola primarja, qisu li tħajru lill-għalliema tagħkom biex tieħdu sehem. Hemm 30 attivitajiet differenti minn fejn tagħżlu.

Meta tieħdu sehem f'Dinja Waħda ssiru iktar ambjentalisti u fl-istess ħin tgħinu lin-natura.


Iktar fuq Dinja Waħda f'paġna 11

mid-dinja...



L-**Awstraljani** huma fost l-iktar nies fid-dinja li jaħlu enerġija. Madankollu sa ftit ilu l-Awstralja kienet waħda mill-ftit pajjiżi li ma ffirmawx il-ftehim ta' Kyoto biex id-dinja ssolvi l-problema tal-*global warming*. Dan kollu għax il-prim ministru Awstraljan ried jidher sabiħ ma' l-iStati Uniti, li wkoll ma jridux jiffirmaw. Insomma, ftit ġimgħat ilu l-gvern Awstraljan inbidel u għandhom prim ministru ġdid. U fil-pront l-Awstralja ffirmat il-ftehim ta' Kyoto!

## Ġurdien daqs qattus!



BRUCE M BEEHLER/CI

Xi sentejn ilu f'*Il-Huttafa* konna ġibna li fil-foresti tropikali ta' Papua New Guinea sabu post mimli speċi ġodda ta' pjanti u annimali, fosthom palm, friefet, żrinġijiet u anke għasfur. Minn dak iż-żmien 'l hawn ix-xjenzati reġgħu marru jżuru l-Foja Wilderness, u did-darba sabu żewġ mammiferi ġodda: **opossum** żgħir... u **far** daqs qattus! Ix-xjenzati qalu li l-far kien veru fidil, u qagħad iħuf mat-tined tagħhom...



## Balieni għall-borma

Bħas-soltu, aktar kmieni fil-2007 l-**Ġappun** ħabbar li se jkompli l-kaċċa tal-balieni. Imma ħabbar ukoll li minn dis-sena kien se jikkaċċja wkoll 50 baliena tar-razza humpback. Din hija speċi li f'dawn l-aħħar 20 sena ħadd fid-dinja ma kkaċċjaha iktar.

Ftit ġimgħat ilu ħarġu l-*whalers*, vapuri mostri, biex jibdew il-massakru. L-għaqda ambjentalista Greenpeace mill-ewwel bdiet issegwihom bil-vapuri tagħha.

Issa smajna li l-Gvern Ġappuniż reġa' bdielu, u l-kaċċa tal-humpback tħassret!

## L-għadira tal-fjamingi

Fit-Tanzania hemm għadira mielħa jisimha Lake Natron. Dal-post iżuruh eluf ta' turisti naturalisti għax hemmhekk ibejtu nofs miljun **fjamingi żgħar**. Imma l-gvern Tanżanjan qed jitħajjar jibda industrija li se tippompja nofs miljun litru ilma fis-siegħa mill-għadira. S'intendi jekk dan jiġri, l-ekoloġija ta' Lake Natron tinbidel u ċaw ċaw fjamingi! Aħna nisperaw li l-mexxejja tat-Tanzania jindunaw bid-diżastru kbir li ħa jagħmlu u jarmu l-pjanijiet qabel ma ssir ħsara li ma tirranġax.





Il-fjamingu żgħir (lesser flamingo) huwa iżgħar mill-ispeċi li tiġi Malta

www.jameswarwick.co.uk

Għal iktar tagħrif fuq dil-ħaġa morru www.birdlife.org u kklikkja t-tabella Think Pink



# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jkellimna fuq żewġ għasafar li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena...



## alwetta

sky lark — *Alauda arvensis*

**Daqs:** 18ċm (ftit iktar minn tal-bejt)

**Meta u fejn issibha:** Tpassi fil-ħarifa u numru żgħir jibqa' tul ix-xitwa. Dil-ħarifa kellna passa tajba ħafna ta' alwett. Iżżomm f'art miftuħa u raba maħdum.

**Kif tagħrafha:** Kannella ċar minn fuq, imnaqqxa b'daqqiet bojod u suwed. Minn taħt bajdanija. Għandha żewġ rixiet bojod fit-tarf ta' denbha. Waqt il-passa spiss tismagħha tgħajjat imma mhux dejjem taraha għax ittir fl-għoli. Timxi fl-art għal ħafna ħin biex issib x'tiekol. Minħabba lewnha ftit li xejn tkun tidher. Iżżomm fi qtajjiet u tgħajjat *ċirpp... ċirpp!* waqt li ttir. Tinżel f'salt fl-art u qatt ma toqgħod fis-siġar.

(*Għasafar Madwarna* p 29)



## gawwija rasha kannella

black-headed gull — *Larus ridibundus*

**Daqs:** 35-39ċm (fetħa 86-99ċm)

**Meta u fejn issibha:** L-iktar li naraw dan l-għasfur huwa fil-ħarifa u fix-xitwa. Il-gawwi huwa tajr tal-baħar, għalhekk l-iktar li jidher huwa fil-portijiet.

**Kif tagħrafha:** Mad-daqqa t'għajn il-gawwi kollu jidher l-istess, imma jekk toqgħod ftit attent tibda titgħallem id-differenzi. Din il-gawwija hija ta' daqs medju. Għalkemm jisimha rasha kannella, hawn Malta iktar narawha b'rasha bajda, għax fix-xitwa hekk ikun ir-rix ta' rasha. Mill-bqija tkun griża ċar minn fuq u bajda minn taħt, bit-truf tal-ġwienaħ suwed. Għandha munqarha rqiq u aħmar, u saqajha ħomor ukoll.

(*Għasafar Madwarna* p 25)




## Dal-ktieb għandek?

L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna***. Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u jiswa **€4.80** (Lm2.06) biss! Jekk għad m'għandekx, mela x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347644/5 u ordnah.





F'dar-ritratt jidhru ħafna siġar żgħar qegħdin jikbru fil-parti jisimha lt-Taflija

Victor Falzon

# Mixja fil-Foresta

Is-soltu f'Jannar immorru sa **Foresta 2000 u** nħawlu skoss siġar f'dan il-proġett eċitanti tagħna. Dis-sena wkoll ħa mmorru, imma did-darba ħa mmorru nżuru biss u nduru dawra sew mal-post. Dan għaliex fil-ħarifa li għaddiet fil-Foresta tħawlu xi 10,000 siġra u għalissa m'hemmx bżonn iktar taħwil. Biex iktar nifhmu u nitgħallmu dwar Foresta 2000 ħa jkollna magħna r-ranger tal-proġett, li ħadd daqsu mhu espert tal-proġett. Għalhekk titilfux iċ-ċans li ssiru ftit esperti intom ukoll ta' dan il-proġett li konna bdejna aħna stess ta' Klabb Ħuttaf. U kif inkunu hemm naraw ukoll xi flora u fawna tal-post.

data:
**Il-Ħadd 20 Jannar 2008**
niltaqgħu:
**ħdejn ir-riserva ta' l-Għadira**
ħin: **8.30am**
inkunu lura: **xi nofsinhar**
età: **membri kollha***
Ġibu magħkom lapes u nowtbook, xi ħaġa x'tieklu u, jekk għandkom, tromba.
Ġenituri u aħwa huma merħba.

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir magħhom

## Meta morna Wied Qannotta



Antoinette Licari

L-aħħar attività li kellna tal-Klabb kienet lejn Wied Qannotta. Dan jinsab fil-limiti ta' Burmarrad. Aħna ltqajna mal-Leaders għall-ħabta tad-9am u bdejna mexjin għal ġo dan il-wied. Ħarġet ġurnata sabiħa u b'hekk kellna aktar ċans nosservaw għasafar u ħlejjaq. Bilkemm ilħaqna mxejna erba' passi li ma lmaħtx **buċaqq tax-xitwa**. Dan kellu dahru iswed u żaqqu ħamra u kien ftit iżgħar minn pitirross. Rajna ħafna flora differenti fosthom **għeneb id-dib**, **garni tal-pipa**, **sprag xewwieki**, **niġem**, **te sqalli**, **margerita selvaġġa**, **tengħud komuni**, **ħannewija**, **bużbież**, **siġar tat-tin**, **buda**, **faqqiegħ tal-ferla** u ħafna u ħafna aktar. Rajna wkoll xehda biż-**żnażan**, **ġurati**, **brimba rrigata**, tip ta' bebbuxu jgħidulu **mogħża**, **pitirrossi**, **vjolin tax-xitwa** u **fjamma sewda**. Komplejna sakemm il-mogħdija ppermettiet għax wasalna f'parti privata fejn ma stajniex inkomplu l-mixja avventuruża tagħna. Waqafna biex kilna ftit u wara bdejna mexjin lura, u għalkemm għaddejna mill-istess passaġġ bqajna naraw aktar flora u fawna differenti. Tassew kienet attività tal-ġenn. Nisperaw li naraw ħafna aktar membri ġodda f'dawn il-ħarġiet, u prosit lil min ġie u ħa gost magħna.

Jacqueline Licari



# gallerija

Tibagħtux annimali domestiċi

Ibagħtulna **tpinġijiet** jew **ritratti** naturali tagħkom ħalli nġibuhom fil-GALLERIJA.



**woodpecker** Brandon Birmingham 11



**ħawwiefa** Chris Saliba 9



**farruġ** Gianluca Pollacco 10



**malvizz iswed** Steven Pisani 10



**astun iswed** Christopher Mercieca 7



**qerd in-naħal** Daniel Mallia 7



**baliena** Samantha Jo Muscat 11



**spanjulett** Gabriel Micallef 10



**taż-żebbuġ** Gabriel Vella 9

# BL-GĦERUQ U X-XNIEXEL

Ħarsa lejn siġar Maltin

## ir-rand *Laurus nobilis*



Munita antika Griega, bir-ras ta' Apollo, li kien wieħed mill-allat tal-Griegi u r-Rumani. Ma' rasu tarawlu kuruna tar-rand.

Ir-randa (laurel, bay laurel, sweet bay) hija marbuta ma' l-istorja tal-Mediterran tal-qedem. Tfakkarna fil-kuruni tar-rand li fi żmien il-Griegi u r-Rumani kienu jitqiegħdu fuq ras l-isportivi rebbieħa u tal-gwerriera qalbenin. Sal-lum stess min jiggradwa mill-università għadna ngħidu li ħa l-LAWRJA, jiġifieri ħa l-kuruna tar-rand!

Ir-randa tikber fejn hemm dell sew maħluq minn siġar oħra. Hekk naraw li r-randa tikber f'widien kennija bħal madwar il-Buskett u l-Girgenti. Tikber ukoll fil-makkja. Dari meta l-klima kienet aktar umda, kienet ħafna iktar mifruxa.

Ir-randa hija aktar delikata mill-balluta. Tieħu forma ta' arbuxxel kbir li jista' jogħla sa 10m. Il-qoxra taz-zokk hija griż skur waqt li l-friegħi żgħażagħ huma ħodor. Il-werqa hija forma ta' lanza, ħadra skura u leqqiena minn fuq, u ċara minn taħt. Ir-randa tista' tkun siġra mara jew siġra raġel. Wara li l-fjuri nisa jiddakkru tagħmel frotta bl-għadma, li ssir sewda fil-vjola u tinxtered mill-għasafar.

Hija drawwa ta' ħafna Maltin li ma' l-istuffat tal-fenek jitfgħu xi werqa rand, minħabba xi żjut li fih il-weraq. Imma xi nies meta jsibu siġra tar-rand, inittfu mhux biss il-weraq imma ġieli jqaċċtu friegħi sħaħ - fil-Buskett ħafna rand jinqered tort ta' din l-imġiba egoista ta' xi nies.

Mhix diffiċili li tkattar ir-rand miż-żerriegħa li tinġabar u tinżera' fil-ħarifa. Wara li tinbet titħawwel fl-ewwel sena f'post kenni mir-riħ. Meta tkun żgħira r-randa trid l-umdità u xi ftit dell. Jekk tinżera' fil-miftuħ trid tissaqqa aktar spiss, inkella titbiel.

**Dr Charles F. Grech**
masġâr



fjuri rġiel

Alex Casha



il-frott misjur tar-rand jikluh l-għasafar

Alex Casha



# rokna

Falko
Żgħażagħ BirdLife Malta

Ħbieb Falkuni,

Fl-aħħar tas-sena 2008, il-gvern irid jagħlaq għal kollox l-insib. M'għandniex xi ngħidu, din aħbar tajba ħafna. Tistgħu timmaġinaw għasfur li filli kien ittir fil-selvaġġ, ipassi bejn żewġ kontinenti u jfittex x'jiekol mis-siġar tal-frott, u filli jinqabad u jinżamm f'gaġġa ftit ikbar minnu, u dan kollu għall-gost egoistiku ta' persuna. Mhux ta' b'xejn li ħafna għasafar li jinqabdu jmutu wara ċertu żmien.

Però l-insib jagħmel aktar ħsara fuq l-ambjent. Biex jinħoloq mansab, in-nassab jaħraq u joqtol il-flora kollha bil-ħerbiċida. Barra minn hekk, biex jużaw l-art għall-mansab iridu jeqirdu l-ħabitat innifsu. Mnasab fix-xagħri (ħabitat rari fl-Ewropa) huwa kważi impossibli biex terġa' ġġibu fl-istat oriġinali.




L-imnasab ikerrhu l-ambjent naturali u jagħmlu ġerħa li ma tfiqx malajr. Din parti mill-irdum ta' ħdejn Ħad-Dingli - iktar imnasab milli art!

Victor Falzon

Xi nassaba jħallu x-xbiek miftuħ fl-art anke meta mhux qegħdin jintużaw. Dan jagħmluh biex meta jiġu l-għada filgħodu kmienu jsibu kollox armat bil-lest. Imma din id-drawwa hija perikoluża għax fix-xbiek jistgħu jeħlu għasafar bħal pitirossi, kud u psiepes li jkunu qed inaqqru xi dud mill-art. Dawn l-għasafar jitħabblu fix-xbiek u jekk isibhom far ma jkunux jistgħu jaħarbu.

Insomma ħbieb aħna nistennew u nittamaw li din il-krudiltà tinqered ma ddumx ħalli nkunu nistgħu naraw l-għasafar fl-ambjent naturali tagħhom flok ġo gabbjetta.

Matthew

**Matthew Borg Cardona**

**KO-ORDINATURI FALKO**: Stefan **Azzopardi**• Matthew **Borg Cardona**




Victor Falzon

Jekk tmur timxi bħalissa fix-xagħri għandek mnejn tilmaħ l-**erika** (Mediterranean heath), arbuxxell sabiħ li bħalissa qiegħed bil-fjuri.








għali ambjentali



Id-debba tax-xitan tiekol insetti kbar, bħal ġurati.

**L-iktar annimali numerużi fid-dinja huma l-insetti. Veru li huma żgħar fid-daqs, għax ħdejn iljunfant lanqas jidhru. Però mingħajr l-insetti... m'aħna xejn!**

Victor Falzon

# insetti

Elisabeth Conrad

Studju li sar wera li kieku kellu jispiċċa l-bniedem minn wiċċ id-dinja, hemm biss tliet speċi ta' insetti li jinqerdu miegħu. Mill-banda l-oħra, li kieku kellhom jinqerdu l-insetti, fi żmien 50 sena l-bqija tal-ħajja fid-dinja (inkluż il-bniedem) tkun kważi spiċċat. Dan għaliex l-insetti huma parti fundamentali tal-mekkaniżmi li jżommu l-ħajja għaddejja.

## ħoloq fil-katina

Naraw ftit eżempji:

Kieku ma kienx hawn l-insetti, ma kienx ikun hawn min idakkar il-fjuri, mhux biss dawk li nżejnu bihom, imma wkoll tal-frott u ħxejjex li niddependu minnhom għall-ħajja ta' kuljum.



In-nannakola tas-seba' tikki hija ħabiba kbira tal-bidwi għax tiekol ħafna insetti li jinfestaw il-prodotti.

Victor Falzon

Mummy!?

Huma wkoll l-insetti li jagħtuna prodotti bħall-għasel u l-ħarir.

Huma l-insetti li jirriċiklaw is-sustanzi li jżommu l-ħajja għaddejja.

Li kieku mhemmx l-insetti biex jgħinu fit-tmermir ta' diversi materjali, kieku negħrqu fl-iskart tagħna stess!

Huma l-insetti li flimkien ma' annimali oħrajn (bħall-ħniex) iżommu l-ħamrija b's saħħitha u kapaċi ssostni l-ħajja.

Hemm imbagħad insetti li jieklu insetti oħrajn, u b'hekk jinżamm bilanċ fin-natura. Il-mazzarelli, per eżempju, jieklu insetti bħal dubbien, nemus u diversi insetti oħrajn inkluż uħud li jagħmlu ħsara lill-biedja.

## varjetà inkredibbli

Id-diversità ta' insetti hija tassew enormi: żnażan u naħal, nemel, dbieben u nemus, ħanfus, friefet u baħrijiet, ġurati u grilli, sfiefed u spalluti, mazzarelli u damiġelli, u ħafna u ħafna tipi oħra. Kollha huma importanti ħafna.

## gwerra kontrihom

B'xorti ħażina diversi insetti huma wkoll mhedda. Fis-snin Sittin Rachel Carson kienet waħda mill-ewwel nies li tkellmu fuq theddida kbira għall-insetti: il-pestiċidi. Minħabba li l-insetti jiffurmaw il-bażi ta' ktajjen ta' ikel (food chains), dak li jiġri lill-insetti spiss iħalli effett fuq annimali oħrajn f'din il-katina, fosthom l-għasafar. Anke hawn Malta nħassu l-effetti tal-pestiċidi. Fi ftit snin naqas ħafna n-numru ta' friefet u nannakoli li naraw, per eżempju.

F'ħafna postijiet l-insetti qed jonqsu għax qed jinqerdilhom l-ambjent naturali. Għalkemm hawn insetti li donnhom jgħixu kullimkien, bħad-dubbien, hemm ukoll ħafna insetti li għandhom ambjent speċjalizzat ħafna, u jekk jinqered dak l-ambjent jinqerdu wkoll huma.

Insetti oħrajn huma mhedda minn speċi li ġab il-bniedem minn postijiet oħra, u li bdew jieħdu post l-ispeċi indiġeni. Fil-fatt ħafna mill-problemi li nsemmu fil-konfront tal-qerda ta' pjanti u annimali oħra huma wkoll problemi ta' l-insetti. U t-tort huwa tista' tgħid dejjem tal-bniedem!

Din mhix sorpriża, għax l-insetti huma l-iktar grupp ta' annimali li l-bniedem ħela flus u sforzi biex jipprova jeqred!

## għandna bżonnhom

Imma hemm bżonn li nbiddlu l-mentalità tagħna fir-rigward ta' l-insetti. L-insetti mhumiex xi ħaġa tal-biża' jew ta' dwejjaq! Jekk trabbu ftit kuraġġ u tħarsu ftit lejn l-insetti mill-viċin tindunaw kemm huma tassew annimali meraviljużi, u ħafna drabi ta' sbuħija kbira.

Fuq kollox irridu niftakru li jekk irridu nkomplu neżistu aħna, hemm bżonn li jkomplu jeżistu wkoll l-insetti!

Hawn iktar speċi ta' ħanfus fid-dinja milli hawn speċi tal-bqija ta' l-annimali u l-pjanti kollha flimkien!



## Nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

Araw tgħinux waħda lil Pietru l-Pitirross isib il-ħanex, għax dalwaqt taqagħlu żaqqu!





## Tixtieq tgħinna nkabbru l-Klabb?

Għal kull membru ġdid li inti ddaħħal, aħna nibagħtulek

- **3 pitazzi tal-BirdLife!**
- **stiker bil-kulur!**

1. Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf.
2. Ikteb id-dettalji tagħhom fuq kopja tal-formola t'hawn taħt.
3. Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess.
4. Ibagħtilna kollox, flimkien mal-miżata €**6.99** (Lm3.00)

L-indirizz tagħna huwa **BirdLife Malta 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex XBX 1120**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk pagabbli lil BirdLife Malta

tqattax il-magażin • agħmel kopja • tqattax il-magażin • agħmel kopja •

**Għażiż Klabb, jiena daħħalt membru ġdid. Dawn huma d-dettalji tiegħu/tagħha:**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode ________

data tat-twelid __________ telefon __________ imejl __________

skola ______________________

**...u dawn huma d-dettalji tiegħi stess:**

isem u kunjom ______________________

indirizz ______________________

______________________ postcode ________

membership number __________ telefon __________ imejl __________

skola ______________________

tqattax il-magażin • agħmel kopja • tqattax il-magażin • agħmel kopja •

titwila lejn

## Dinja Waħda

Desirée Falzon




F'dir-rokna se nibdew nagħtu ħarsa lejn xi attivitajiet ta' Dinja Waħda, il-kampanja tal-BirdLife li qed issir fl-iskejjel primarji.

Għal did-darba għażiltilkom Attività 24 li jisimha **Let's do the tables!** Le m'għandhiex x'taqsam mat-tables tal-multiplication, imma ma' ikel!

Fix-xitwa l-għasafar iħossu l-kesħa u jaqbadhom il-ġuħ bħalna. Imma msieken dawn m'għandhomx min jixegħlilhom hiters jew isajrilhom! Jekk ma jiklux biżżejjed l-għasafar jikshu u jmutu, u fix-xitwa la jsibu insetti u lanqas frott x'inaqqru.

Għalhekk dix-xitwa, arma **bird table** forsi ssalva ftit għasafar milli jmutu bil-ġuħ! Kull ma trid huwa biċċa njama żgħira kwadra mwaħħla fuq lasta ta' xkupa. Fuqha farrak xi gallettini, kejk, pastizzi u ikel ieħor (imma mhux ħobż jew laħam). Sibilha post fil-ġardina ħalli jibdew iżuruha l-għasafar imġewħin. Ġennen lill-għalliema tiegħek biex tarmaw bird table l-iskola wkoll. Id-dettalji kif tagħmel bird table qegħdin hawn taħt u qegħdin ukoll fl-Action Guide p28. L-Action Guide huwa ktieb li l-għalliema għandhom kopja tiegħu.

U taf x'għandha tajjeb ukoll din l-attività? Int tkun tista' tara għasafar bħall-pitirross, il-fjamma sewda, il-bufula sewda u l-għasfur tal-bejt mill-viċin għax dawn jiġu jżuru l-ġnien tiegħek biex jieklu mill-bird table! Jekk għandek kamera għax ma tiħux ritratti tagħhom u tibgħathomlna ħa nġibuhomlok f'*Il-Ħuttafa*?

Ċaw ċaw u ħu gost.

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.

## Armalhom... BIRD TABLE!









# your Success, our Goal



## sharing your vision for a brighter future

At **Bank of Valletta**, we take a personal interest in our customers, supporting you to achieve your full potential.

We understand the value of truly genuine and caring service and always put your long term benefit first.

We propose solutions that add value to you personally because your success is important to us.

BOV

Bank of Valletta

*your Success, our Goal*

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 15259